MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 2001/2001/1

Victor u Saverina konjugi Cassar
vs
HSBC Bank Malta p.l.c. u b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2004 is-socjeta Lloyd's Malta Limited bhala rapprezentant ex lege tal-membri ta' Lloyd's intervjeniet fil-kawza in statu et terminis

Il-Qorti,

## A. CITAZZJONI:

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha eccepew:

Illi fit-12 ta' Lulju 1999, ghall-habta tal-10.15 a.m., waqt li l-attur Victor Cassar, fuq inkariku tal-bank konvenut li mieghu kien impiegat, kien jinsab, flimkien ma' persuni ohra, go van tas-sigurta' li wassal flus destinati ghall-fergha ta' Bormla tal-bank konvenut li temporanjament kien qed jopera mill-Kazin tal-Banda San Gorg, l-imsemmi van kien l-oggett ta' hold-up fejn kienu sparati diveri tiri ta' arma tan-nar fosthom tir li kien sparat lejn il-hgieg *bullet*

*proof* tat-tieqa tal-istess van, u fejn in segwitu wiehed mill-hallelin safa' milqut u maqtul minn membru tal-korp tal-pulizija li kien fuq il-post;

Illi dan it-tentattiv ta' hold-up ikkaguna hsara psikologika u mentali gravi u debilitanti fuq l-attur Victor Cassar li wasslet sabiex l-istess Victor Cassar jirtira mill-impjieg tieghu minn mas-socjeta` konvenuta qabel iz-zmien fuq l-iskorta ta' pariri tat-tobba inkluzi dawk inkarigati mill-bank konvenut stess;

Illi konsegwenza ta' dan il-fatt, l-atturi garrbu danni li jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghad-danni konsegwenzali li garrbu l-atturi kienet tahti unikament is-socjeta` konvenuta meta, bhala employer tal-attur Victor Cassar, naqset skond il-ligi milli tizgura li jittiehdu dawk il-mizuri u prekwazzjonijiet ragonevoli kollha sabiex il-post tax-xoghol taht il-kontroll taghha jkun hieles minn kull periklu ghas-sahha u s-sigurta`, safejn huwa ragonevolment prattiku;

Illi l-istess bank konvenut wera imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza fil-konfront tal-attur Victor Cassar fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu bhala employer tieghu meta naqas skond il-ligi milli jizgura li l-post tax-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita` fizika u psikologika tal-istess Victor Cassar;

Illi s-socjeta` konvenuta – interpellata biex taghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-atturi – baqghet inadempjenti;

This ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjaraha unikament responsabbli ghad-danni li garrbu l-atturi konsegwenza tal-hsara psikologika u mentali li sofra l-attur Victor Cassar fil-hold-up fuq riferita meta, bhala employer tal-attur Victor Cassar, is-socjeta` konvenuta naqset milli tizgura li jittiehdu dawk il-mizuri u prekwazzjonijiet ragonevoli kollha sabiex il-post tax-

xoghol taht il-kontroll taghha jkun hieles minn kull periklu ghas-sahha u s-sigurta` tieghu bhala impjegat taghha, safejn huwa ragonevolment prattiku, kif ukoll meta naqset milli tizgura li l-post tax-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li setghu jigu evitati ghall-inkolumita` fizika u psikologika tal-istess attur Victor Cassar;

2. tillikwida d-danni tal-atturi occorendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3. tikkundannaha sabiex thallas lill-atturi dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilhom in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ Mejju 2001, u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-Bank konvenut li biha eccepixxa:

Illi preliminarjament il-giudizzju mhuwiex integru stante li min wettaq il-“Hold Up” jew l-eredi tieghu mhumiex citati fil-giudizzju.

Illi subordinament, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi ebda responsabbilita ghas-serq akkadut u ghall-allegati danni konsegwenzjali ma hija imputabbli lejn l-istess Bank. Semmai kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-Bank konvenut ha l-mizuri ta’ sigurta` kollha u necessarji sabiex jipprotegi l-impjegati tieghu fuq il-post tax-xoghol.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, mhuwiex minnu l-attur Victor Cassar qed ibaghti minn xi disabilita fizika jew mentali ta’ natura permanenti konsegwenza ta’ dan l-incident. Dan nonostanti, il-Bank xorta kien dispost li joffri impjieg alternattiv gewwa ufficju fejn ma jghaddux flus

mill-idejn izda l-attur xorta ma accettax din il-proposta minghajr ebda raguni valida.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi ghalhekk kien jinkombi fuq din il-Qorti li tezamina diversi aspetti;

1. L-eccezzjoni dwar l-integrita` tal-gudizzju li gja giet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta’ Novembru 2002;
2. L-eccezzjoni dwar ir-responsabbilta` imputabbli ghall-bank dwar l-allegat incident u jekk il-bank kienx ipprovda *a safe system of work* u ha l-mizuri kollha necessarji dwar sigurta`;
3. Jekk hux minnu li l-attur qed ibati minn xi dizabilita` fizika jew mentali ta’ natura permanenti;
4. Jekk tali dizabilita` hix kawza ta’ l-incident imsemmi;
5. L-implikazzjoni ta’ l-offerta tax-xoghol alternattiv li l-attur allegatament irrifjuta;
6. Jekk l-ostakoli fuq imsemmija jigu superati, ir-responsabbilta` ghal danni mill-bank, bil-likwidazzjoni u kundanna hlas taghhom.

Kif issemma fuq, fit-28 ta’ Novembru 2002, dwar l-eccezzjoni ta’ l-integrita` tal-gudizzju, il-Qorti kienet ikkonkludiet billi qalet hekk:

“Illi, fil-każ preżenti, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li fid-dawl tal-kawżali kif imfassla fl-att taċ-ċitazzjoni, il-Bank ġie mħarrek sewwa. Kemm hu hekk, il-Bank ma qalx li hu

m'huwiex il-leġittimu kontradittur tal-attur. Għalhekk, b'applikazzjoni tal-prinċipji hawn fuq imsemmija, ma jistax jinħeles milli jibqa' iżjed fil-kawża. Minbarra dan, dejjem skond l-istess kawżali kif imressqa, hu l-Bank biss (fil-kwalita' tiegħu ta' prinċipal) li jista' jiġi addebitat bl-għamla ta' responsabbilta' għall-ħarsien ta' saħħet l-impjegati tiegħu fit-twettiq ta' ħidmiethom, bħalma qegħdin jixluh l-atturi. Il-persuni li ħadu sehem fil-*hold-up* ma jistgħu qatt iwieġbu għal dik l-għamla ta' responsabbilta'. Jistgħu jwieġbu għal responsabbiltajiet oħrajn, imma ċertament mhux dawk imnisslin mir-rabta kuntrattwali tal-impieg;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-eċċezzjoni preliminari mqanqla mill-Bank imħarrek għandha mis-sewwa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-Bank imħarrek, bl-ispejjeż kontrih, tiddikjara li l-ġudizzju huwa sħiħ, u l-kawża tista' tkompli bis-smigħ tal-provi fil-mertu."

L-incident mertu tal-kaz jirrizulta li gara billi fit-12 ta' Lulju 1999 ghall-habta ta' 10.15 a.m. meta van tas-sigurta` mar fil-fergha ta' Bormla tal-bank konvenut u l-attur fuq inkarigu ta' l-istess bank konvenut, li tieghu kien impjegat, kien jinsab ma' persuni ohra go l-istess van. Il-van kien destinat ghall-fergha ta' Bormla biex iwassal flus fil-bank konvenut li temporanjament kien qed jopera mill-kazin tal-Banda San Gorg, meta sar *hold-up* u gew sparati diversi tiri ta' arma tan-nar, fosthom tir sparat lejn il-hgieg *bullet proof* tat-tieqa ta' l-istess van, u fejn in segwitu wiehed mill-hallelin safa milqut minn tir ta' membru tal-korp tal-pulizija li kien fuq il-post.

Mill-kawzali ta' l-azzjoni attrici jirrizulta li l-attur istitwixxa l-kawza odjerna ghar-rizarciment ta' danni minnu subiti, fil-fehma tieghu htija tas-socjeta` konvenuta, u din ibbazata kemm fuq il-principji generali ta' responsabbilta` akwiljana kif temergi mill-artikolu 1032 tal-Kap 16 kif ukoll fil-ligi Att VII ta' l-1994 (Kapitolu 367) li kien vigenti fiz-zmien li sehh

il-kaz, u b'mod partikolari ghall-artikolu 2(2)(a) u artikolu 8(1)(a) ta' l-imsemmi Att.

Rat l-affidavit u x-xhieda ta' Victor Cassar li minnu jirrizulta:
L-attur beda jahdem ma' Barclays Bank fl-eta` ta' 24 sena fl-10 ta' Marzu 1969 bhala messaggier/xufier. In segwitu l-bank sar Mid-Med Bank Ltd. u hu sar ufficjal inkarigat mill-i*stationery* u *stores* u wara lahaq *supervisor*. In segwitu accetta l-proposta tas-Sur John Zammit, ufficjal inkarigat mis-sigurta` tal-bank biex jahdem fis-sezzjoni tieghu, fil-kustodja tal-*vault*. Spiss kien johrog mal-*cash van*. Il-*cash van* kien imur il-bank centrali ghall-flus u kienu jibqghu sejrin il-*cash depot*, fejn jitqassmu l-flus skond il-bzonnijiet tad-diversi ferghat. Il-procedura kienet tahdem anke vice versa, u baqghet tigi segwita anke meta l-Mid-Med Bank Limited sar HSBC Bank (Malta) p.l.c.

Fit-12 ta' Lulju 1999 kellu xi Lm200,000 xi jqassam u kienu hargu Joseph Micallef bhala xufier, Emanuel Camilleri messaggier u membru tas-*Security Corp*, certu Vassallo, u l-ewwel marru lejn il-fergha ta' Rahal Gdid u in segwitu Bormla.
Fergha normali tal-bank konvenut Bormla tinsab taht it-teatru Rialto, izda kienet maghluqa ghal xoghol estensiv ta' *refurbishment* u l-bank kien ittrasferixxa temporanjament in-negozju tieghu lejn il-Kazin tal-Banda San Gorg, xi 70 metru 'l boghod mill-fergha normali. Ir-*refurbishment* kienu ilu ghaddej xi tliet gimghat. Fil-*branch* propju l-*cash van* kien jersaq mal-gemb ezatt tal-bankina quddiem il-bieb principali tal-*branch*. Kienu johorgu zewg impjegati u *security guard* mill-bank, jghaddilhom id-dokumenti, huma jiffirmawlu, u hu jghaddilhom il-flus minn gewwa l-van. L-attur sostna li fil-*branch* temporanju kien hemm nuqqas serju ta' sigurta` u l-kazin kien f'livell aktar gholi mit-triq, bid-dhul cirka hames filati accessibbli minn hames targiet ghall-parapett, u in segwitu zewg targiet ohra. Il-kazin kien jinsab fi pjazza bis-sigar u bankijiet u ma kienx possibbli li l-van jidhol vicin tat-tarag.

Sostna li l-aktar punt vicin ghad-dhul fil-*branch* kien ta’ 70 metru boghodu b’hekk twalet sewwa d-distanza ghall-impjegati tal-bank biex jirtiraw jew jaghtu l-flus lill-*cash van*. Dak in-nhar tal-kaz wara li ikkonsenja l-basket bil-flus ordnati, sakkar u sekondi wara sema’ tfaqqiha barra u d-*driver* Micallef beda jghajjat li barra qed jaghtu, u induna li saret *hold-up* fil-pjazza. Fil-basket kien hemm Lm80,000 u Lm6,000 flus barranin, waqt li fil-van kien ghad fadallu mal-Lm100,000 ohra. Qabad mal-Kwartieri Generali tal-Pulizija bir-*radio* u sadanittant ix-xufier semma li kienu gejjin ghalihom u beda jghajjat biex jitbaxxew ghax ix-xufier kien ecitat hafna u kellu tensjoni kbira go fih. Tfaccat persuna liebsa barnuza u mill-qrib hafna tat-tieqa dan spara tir ta’ arma tan-nar fil-hgiega tal-van fejn kienu hu u s-*security*. Il-balla kissret il-hgiega u hu kesah. Qabad mal-*Cash Depot* u gharraf lill-*manager*. Damu maghluqa fil-van xi 20 minuta. Waslet ambulanza hdejhom. Hu kompla zdiedlu l-ecitament. Ma setghux johorgu mill-van ghax kien fadlilhom il-flus u rega` qabad il-*Cash Depot* fejn infurmawh li kien gej van iehor biex jibdilhom, izda l-van dam aktar minn siegha biex wasal.

Sostna li dan l-episodju halla effetti negattivi fuqu ghax qabel ma kellux problemi ta’ sahha jew ta’ rqad u kien kuntent fuq xogholu, pero` wara beda jiccassa fuq ix-xoghol u tawh parir ikellem tabib u fid-19 ta’ Lulju 1999 irrapporta *sick*, wara li tabib ordnalu l-kalmanti u tah il-parir ma jmurx ghax-xoghol qabel ma jghaddu sitt gimghat, izda meta irritorna lura ghax-xoghol kellu jerga’ johrog wara jumejn minhabba t-tensjoni. It-tabib psikjatra Joseph Spiteri ordnalu ma jmurx ghax-xoghol qabel ma jghaddu tmien gimghat, u ziedlu d-doza tal-medicini, izda tilef il-fiduzja fih innifsu, kien imbezza’ u ma bediex jorqod bil-lejl. F’Ottubru ipprova jmur lura ghax-xoghol, gie trasferit ghal dipartiment iehor maghruf bhala *Advances and Credits*, u ha gost b’dan it-trasferiment, u kien milqugh tajjeb mill-*manager* tieghu li weghdu kull ghajnuna, izda xorta wahda hassu bniedem iehor minn ta’ qabel u hassu umiljat ghax ma setax jaghmel xogholu sewwa, u beda jahseb li shabu qed jitkellmu dwaru. It-tabib psikjatra issuggerielu li jieqaf mix-xoghol u irrakkomanda li jigi *boarded out* u l-bord mediku qabel

mat-tabib u gie *boarded out* fit-30 ta' April 2000. Ha l-ekwivalenti ta' dak li hemm fil-ftehim kollettiv u cioe` flus ta' tliet snin salarju, li kienet is-somma li tigi provvduta ghal min ma jkunx ghadu tajjeb ghax-xoghol minhabba mard minghajr ebda distinzjoni ghall-kawza tal-mard. Dak iz-zmien kellu 55 sena. Beda jiehu l-pensjoni ta' l-invalidita` bir-rata ta' Lm154 kull erba' gimghat. Sostna li tilef il-promozzjoni awtomatika ghal *Supervisor* A. B'hekk gie tilef tliet snin salarju sal-eta` ta' 61, tenut kont li rcieva somma ekwivalenti ghal tliet snin salarju, u ghal sentejn minnhom tilef iz-zieda fis-salarju. Esebixxa disa' certifikati rilaxxati mit-tabib psikjatra Joseph Spiteri.

Xehed David Magro, *Manager Direct Banking Department* mal-HSBC, kif ukoll Assistent Segretarju tat-Taqsima PSS tal-General Workers' Union. Semma li fl-1999 kienu qed jinnegozjaw ftehim kollettiv gdid minhabba li dak precedenti skada fl-1998, izda dejjem kien jibqa' japplika l-qadim sakemm isir wiehed gdid. Meta persuna ddum ma tidhol ghax-xoghol il-bank seta' jtella' persuna quddiem bord mediku biex jara jekk hix tajba biex tkompli tahdem jew le. Jekk il-bank jara li l-kwistjoni se ddum, il-persuna tghaddi *medical board*. Klawsola 55 tal-ftehim kollettiv titkellem fuq *retirement on medical grounds* u f'kaz ta' impjegat ta' mhux anqas minn hames snin servizz jista' jirtira qabel l-eta` ta' 61 jekk ikun hemm prova medika li minhabba infermita` fizika jew mentali ma setax jaghmel id-doveri tieghu u jekk tali infermita` tkun ta' natura permanenti, u f'kaz ta' impjegat ta' ghaxar snin jew aktar, tliet darbiet is-salarju annwali.

Semma li meta naqla' l-incident l-attur kien fi stat ta' xokk kbir. Semma li kien gieli jara lill-attur jibki u kien icempilli u jghidlu ma jafx x'ser jaghmel u jghidlu li jiftakar f'dak in-nhar. It-tliet snin salarju hadha bhala *lump sum*. Zied li l-ftehim kollettiv kien jghid li meta persuna taghlaq 35 sena servizz mal-bank titla' l-grad li jkun imissha, u cioe` jiehu l-promozzjoni ghall-grad li jmiss.

Xehed Dr. Joseph Spiteri, konsulent psikjatra li semma li kien ra professjonalment lill-attur l-ewwel darba fit-22 ta' Lulju 1999, u baqa' jarah regolarment. L-attur kien qed

ibati minn depressjoni u ma kienx f'siktu. Tah parir jiehi *anti-depressants* u ma jidholx ghax-xoghol. L-attur kien qed ibati minn *post traumatic stress disorder*, u beda ma jorqodx u johlom bl-incident li kien gralu. Fil-kaz ta' *post traumatic stress disorder* ikun gara xi haga fil-hajja taghna li normalment ma tigrix, u tigi segwita b'*hyper vigilance* b'mod li bniedem jibda jiehu qtajja mix-xejn. L-attur kellu certu biza' mix-xoghol. Ghalih meta l-attur kien qed jiehu l-kura, is-sintomi li baqghu jippersistu kienu evidenti likienu relatati mal-incident li kellu. Hu kien irrakkomanda tibdil tax-xoghol. Il-kambjament tax-xoghol f'sezzjoni ohra tal-bank ma tantx ghamlet differenza ghax barra s-sintomi ta' dwejjaq u ansjeta u depressjoni bdew anke gejjin *biological features*, b'mod li l-aptit jonqos, b'mod li anke l-interess generali fil-hajja. L-irqad ikun disturbat. Kien jiehu l-*anti-depressants* u mbaghad medicni ghal *intrusive thoughts*. Kompla jsegwi lill-attur anke wara li spicca mill-bank u l-ahhar li kien rah fil-15 ta' Settembru 2003 u l-istat mentali tieghu beda jitjieb bil-mod, dan specjalment ghax dak li gralu ma setax jerga' jigrilu ghax kien *boarded out*. *Panic attacks* isiru aktar 'il boghod minn xulxin. Mhux normali li jigi stabbilit persentagg ta' dizabilita` f'kazijiet bhal dawn, u ma kienx hadem dik ta' l-attur. Lill-attur kien jafu qabel ma gara l-incident, u kien bniedem ferriehi, u l-personalita` tieghu kienet kwazi intatta qabel l-incident.

Xehed <u>John Zammit</u> fejn qal li irtira fl-2001 pero` kien jahdem mal-HSBC fil-kariga ta' *Security Manager* meta spicca. Hu kien ilu *Security Manager* mill-1 ta' Lulju 1980. Semma proceduri adoperati mill-bank izda l-Qorti minhabba ragunijiet ta' sigurta mhux sejra ssemmi dawn fis-sentenza.

Xehed <u>Alfred Spiteri</u> li kien jahdem il-Mid-Med Bank, illum HSBC u li spicca fid-9 ta' Dicembru 1999 bhala *Branch Manager*, Bormla. Semma meta kien hemm bzonn ta' *refurbishment* li kien necessarju ghal xi xaharejn u kienu ittrasferew ghal parti mill-kazin tal-banda. Semma li qatt ma kellhom *hold up* sakemm fil-branch propja taht ir-Rialto, izda kellhom wiehed fit-triq fuq il-van meta ittrasferew il-*branch*. Semma li kien jigi l-*cash van* regolarment u dwar il-post regolari minn fejn jipparkja sal-

bieb principali tal-bank kien hemm tlieta, erba’ metri, u cioe` l-wisgha tal-bankina. Meta marru ghall-*branch* temporanju, is-sistema baqghet l-istess hlief li zdied it-tul mill-van ghall-bieb tal-kazin, b’mod li d-distanza saret ta’ xi 15, 20 metru. Meta sar il-*hold-up* kienu ilhom xi tlieta, erbgha gimghat fit-*temporary branch*.

Xehdet Tanya Borg li tahdem mal-HSBC u fit-12 ta’ Lulju 1999 kienet tahdem fil-*branch* ta’ Cospicua u kienet ilha fil-*branch* ta’ Bormla mill-1978. Kienet tahdem bhala *Supervisor* fil-kariga ta’ *custodian* u ghalhekk meta kien jasal il-van kienet tohrog ghall-van biex iggib il-flus. Kienu johorgu zewg *custodians* u pulizija u kienu jmorru sal-van. Bejn l-1978 u l-1999 ma kienet taf b’ebda serqa ohra. Semmiet il-bzonn ta’ *refurbishment* il-bank u meta marru temporanjament fil-Kazin ta’ San Gorg ma kienx hemm *reserved sign* u l-van xorta kien jersaq vicin tal-bank temporanju. Fil-pozizzjoni l-gdida kien necessarju li jinzlu sitt targiet u jimxu bicca zghira ta’ xi zewg metri, izda jekk ma jkunx hemm wisgha fejn jipparkja l-van iridu jimxu wkoll wisgha ta’ karozza wkoll. Meta kienu marru fil-*branch* ta’ San Gorg kien zdied pulizija iehor b’mod li jibqa’ pulizija gewwa u pulizija iehor johrog maz-zewg *custodians*. Il-pjazza hija wahda *busy* hafna. Semmiet li jezisti *security manual* li jiffirmaw ghalih, izda li ma nghataw ebda struzzjonijiet specifici meta marru l-branka l-ohra. Dak in-nhar tal-*hold-up* kienet hadet il-flus u bdiet miexja lura, meta semghet sparatura. Poggiet il-basket mal-art u dahlet tigri gewwa, wara li rat bniedem liebes balaclava.

Xehed Joseph Micallef li ilu jahdem mal-H.S.B.C. ghal tletin sena u llum fil-grad ta’ messaggier. Dak in-nhar tal-*hold up* kien *driver*. Semma li normalment *reserved parking* kien wiehed vicin ghall-bieb ta’ barra, izda ma kienx hemm *reserved parking* ghall-post il-gdid u gieli kellhom jipparkjaw mal-gemb tal-karozzi. Dak in-nhar tal-*hold-up* ma kienx sab fejn jipparkja u kien semma li kien hemm l-attur warajh u s-*security* John Vassallo ma’ genbu, kif ukoll Emanuel Camilleri. Spjega li dak in-nhar raw gegwigija f’daqqa, nies jigru, tnejn mghammda, wiehed dar dawra mal-van u ta tir fid-direzzjoni ta’

Vassallo, u mat-tir sema' spluzjoni kbira u anqas felah jiccaqlaq, b'qata li anqas felah jaqbad u jsuq. Baqghu ghal xi tliet kwarti fil-karozza sakemm tawhom il-permess johorgu, u baqghu issummati. Il-*bullet* ma kienx dahal ghax il-hgieg kien *bullet proof*. Semma' li wara xi gimgha *sick leave* moghti lilhom mill-bank kien rega' mar ghax-xoghol bil-*cash van*, u hassu normali u dam xi sena jaghmel dan ix-xoghol.

Xehed l-P.L. Adrian Borg, Prokuratur Legali mal-*legal office* tal-HSBC, dwar certifikati rilaxxati fuq l-attur.

Xehed Dr. Joseph Pace u semma li kienu ikkonkludew li l-attur kien qieghed ibati minn *post-traumatic stress disorder and depression for the past six months*, li tigri wara li persuna issofri minn esperjenza trawmatika psikologikament u taffettwah wara l-incident.

Xehed Dr. John Gauci li ikkonferma l-problemi dwar l-attur.

Rat l-affidavit ta' Philip Borg, *Senior Manager Human Resources* li ikkonferma lil-attur kien jahdem il-*Cash Depot* kemm bhala *escort* mal-*cash van* kif ukoll bhala *vault custodian*. L-attur qatt ma tghallem juza l-kompjuter u ghalhekk seta' jigi uzat f'postijiet limitati, u b'hekk gie trasferit ghall-*Cash Depot*. Il-fatt li kien jaghmel *cash van escort duties* kien jintitolah ghal *allowance* ta' Lm40 *extra* fix-xahar fil-paga. L-attur kien *polite, curteous and willing to carry out the duties assigned. He, however displays very little skills required of a supervisor.* Qabel it-12 ta' Lulju 1999 (id-data tal-*hold-up*), imkien ma jirrizulta li Victor Cassar qatt talab li jitnehha minn *cash escort duties* jew ilmenta minn xi nuqqas fil-proceduri tas-sigurta` adoperati mill-Bank. L-attur gie *boarded out* fit-30 ta' April, 2000, u qabel ma gie *boarded out* ma kienx wera pretensjonijiet kontra l-bank rigward xi nuqqasijiet fil-proceduri tas-sigurta`. Inghata tliet snin salarju kumpens ghal terminazzjoni ta' l-impjieg. Semma li minhabba d-diffikultajiet ta' konkluzjonijiet fuq ragunijiet medici, il-bank ghall-ewwel ittrasferixxa lill-attur fl-*archives* tal-bank. Irrefera ghall-ftehim kollettiv. Bil-ftehim Kollettiv ghall-

perjodu 2002 sat-2004 l-istipulazzjoni li impjegat b'35 sena servizz jiehu is-salarju 'izda mhux il-promozzjoni' tal-grad li jmiss tnehhiet mill-Ftehim Kollettiv ghal kull min jaghlaq il-35 sena servizz wara l-31 ta' Dicembru 2002. Ghalhekk Victor Cassar qatt ma seta' jibbenefika minn zieda fis-salarju ghal dak tal-grad li jmiss ukoll jekk ma itterminax l-impjieg tieghu qabel ma ghalaq il-35 sena servizz.

Cassar spicca jahdem b'salarju ta' Lm5,850.96 u ta' tliet snin ha Lm17,552.88 meta gie *boarded out*. Mit-13 ta' Lulju 1999 ha 63 gurnata *sick leave*. Semma li Anna Little u Tanya Borg li kienu gew assaliti kull ma kienu hadu kienu tlieta u erbat ijiem *sick leave* rispettivament. Sostna li kienu ghamlu minn kollox biex lil Victor Cassar izommuh fuq it-tajjar, izda ghal xejn.

Xehed Philip Borg in kontro ezami u qal illi jekk tridx *training* fil-h*ealth and safety matters* mis-Sur Cassar, jekk dan kellux dan it-*training*, hu sa kemm jaf hu kellhom certa *instructions* minghand il-*Head* tas-*Security* kif ghandhom joperaw, li jiftakar li mhux suppost johorgu min gol c*ash van*, ghax din hija *an armoured car*. Is-*Security Officer* taghhom kien jghidilhom ezatt x'ghandhom jaghmlu. Il-paragun li ghamel ma' haddiema ohra hija li fil-fatt haddiema ohra li kienu esposti ma hadux daqshekk ammont ta' *sick leave* daqs kemm ha s-Sur Cassar li fil-fatt fil-kaz tieghu hu ma kienx daqshekk espost ghall-periklu bil-mod kif kienu l-ohrajn. Illi Anna Little u Tanya Borg huma tal-*branch* u mhux tal-*cash van*. Ma kienx qieghed hemmhekk fil-mument ta' l-aggressjoni pero` hdejn l-aggressuri kienu izda ma jafx li saru tiri direttament fuqhom. Mil-*file* irrizultalu li l-aggressuri waqt li kienu qed jaharbu wiehed minnhom dar lura u spara u laqat il-*windscreen* li huwa *bullet proof* u allura ma gara xejn.

Rat l-affidavit ta' Mario Bartolo, *Security Manager* mal-HSBC Bank Malta p.l.c. fl-*Operations Centre*, Hal-Qormi fejn gie mitlub jixhed dwar il-mizuri ta' sigurta` li l-Bank implimenta minhabba l-ispustjar temporanju tal-fergha tal-bank f'Bormla. Hu irrileva li fiz-zmien ta' l-incident kien qed isir xoghol ta' *refurbishment* fil-fergha ta' Bormla tal-

Bank. Malli l-Bank avza lis-*Security Department* b'dan il-pjan ta' rilokazzjoni li joperaw temporanjament mill-Kazin ta' San Gorg, mar diversi drabi sabiex jaghmel *on-site inspections* u irrakkomanda u ttiehdu diversi mizuri, gew insallati hadid mal-twieqi kollha tal-parti tal-kazin li nkera mill-Bank, staneg wara l-aperturi u bibien divizorji bejn il-parti mikrija u l-kumplament tal-kazin, *security lock* mal-bieb ta' barra u stallazzjoni ta' *alarm system* u *safes*, kif ukoll CCTV (*Closed Circuit Television*) *cameras* fuq barra tal-fergha. Apparti dawn il-mizuri kellu laqgha mal-Ispettur tad-disrett u cioe` l-Ispettur Baldachinno fejn ftehmu fuq il-mizuri tas-sigurta` addizzjonali li kien hemm bzonn minhabba t-trazlok temporanju tal-fergha. Fost il-mizuri li gew suggeriti u li l-Pulizija accettaw li jipprovdu kien hemm *reserved parking area* ghall-*cash van* f'Bull Street, fl-eqreb post ghall-bieb tal-fergha temporanja, liema *parking area* kienet madwar 30 pied boghod mill-bieb ta' barra. Talbu wkoll li jsiru *patrols* regolari mill-Pulizija. Talbu wkoll li l-ghassa (*guard duty*) mill-Pulizija mal-fergha flok issir minn ufficjal wiehed kellha ssir minn tnejn, wiehed mal-fergha temporanja u iehor mal-fergha regolari li kienet in-naha l-ohra tat-triq. L-impjegati huma mitluba li jkunu vigilanti ghal kwalunkwe movimenti mhux tas-soltu fl-inhawi tal-fergha, jekk jilmhu xi nies li jibqghu bil-qieghda f'karozza ipparkjata vicin il-fergha ghandhom jinfurmaw mill-ewwel lid-dipartiment tieghu sabiex jinvestigaw il-kaz. Fil-fatt, xi ftit zmien qabel l-incident, impjegati tal-fergha ta' Bormla stess ikkuntattjawh ghax innotaw karozza bi tliet irgiel li gew interrogati mill-puilzija izda ma setghux jinzammu. Fost l-istruzzjonijiet l-ohra li l-Bank jaghti lill-impjegati taghhom hemm struzzjonijiet li min ikun taht theddida ta' arma waqt *hold-up* ghandu jobdi l-ordnijiet tal-persuna armata u dana biex ma jipperikolax il-persuna tieghu, fil-fatt din id-direttiva kienet segwita fedelment mill-istaff tal-fergha ta' Bormla li mal-ewwel telqu l-basket tal-flus warajhom u dahlu ghall-kenn fil-fergha temporanja. Struzzjoni ohra specifika ghal min ikun f'*cash van* hi li ghal ebda ragjuni m'ghandom jitlajjaw f'post galadarba li l-flus gew konsenjati. Tant m'ghandhomx jieqfu li l-magna tal-vann m'ghandha tintefa' qatt u f'kaz ta' xi kollizjoni ghandhom struzzjonijiet li jibqghu jsuqu sal-eqreb Ghassa tal-Pulizija. Mill-

investigazzjoni li ghamel dwar dak li gara waqt il-*hold-up* tat-12 ta' Lulju 1999 jirrizulta car illi Victor Cassar li kien l-ufficjal inkarigat mill-*escort duty* dakinhar, malli gie infurmat mix-xufier li kien qed isir *hold-up* barra l-fergha temporanja tal-Bank, kellu skond is-*security procedures* jordna lix-xufier isuq mill-aktar fis u jibqa' sejjer lejn l-eqreb ghassa tal-Pulizija jigifieri kantuniera boghod, distanza ta' madwar 120 metru. Izda dawn l-istruzzjonijiet ma nghatawx u kien minhabba dan in-nuqqas li l-hallelin, huma u jaharbu minn fuq il-post, wara li ssieltu mal-Pulizija u wara li gew sparati diversi tiri, li wiehed mill-hallelin, hu u jhalli x-xena tad-delitt, spara tir fil-hgiega tal-*cash van*. Victor Cassar, minflok ma ta' l-istruzzjonijiet minnufih biex il-vann, li kien ghadu mghobbi b'madwar Lm100,000 jiltaq lejn l-aktar post qrib ta' sigurta`, f'dan il-kaz l-Ghassa tal-Pulzija ta' Bormla, iddecieda li jirrakkonta kull ma kien qed jigri fil-pjazza lill-Kwatieri Generali tal-Pulizija (*Police Depot*) u ghalhekk pogga lilu nnifsu u lil shabu f'periklu bla bzonn. Fil-fatt il-vann kien mimli bl-attrezzi kollha li jirrikjedi vann bhal dan, fosthom *armour plating* tal-*bodywork, bullet-proof glass*, tant hu hekk li t-tir li gie sparat mis-senter isserrat minn distanza ravvicinata ghal gol-hgiega tal-vann ma ippenetrax l-istess hgiega. Ipreciza li l-mira tal-pjan tal-*hold-up* jidher li kienu l-boroz tal-flus waqt it-tragitt bejn il-*cash van* u l-fergha u l-hallelin ma ippruvawx jidhlu fil-fergha u lanqas ma ippruvaw bl-ebda mod jostakolaw it-tluq tal-*cash van* minn fuq il-post. Xtaq jippreciza wkoll li membru tar-*Revenue Security Corps* li wara l-incident deher ixxukkjat mhux hazin ghadu sal-lum jippresta l-istess serizz ta' *guard duty* mal-banek.

Xehed <u>Mario Bartolo</u> li ghal tnax-il sena kien jokkupa din il-kariga ta' *security manager* mal-Bank u qabel kien spettur anzjan mal-Pulizija stqarr li hu ma ghamilx qatt xi korsijiet specjalizati fuq *security systems* fil-banek. Qal illi fil-fatt fuq *Health and Safety*, qabel il-kuncett ma tantx kien jezisti u kien biss minn meta ghaddiet il-ligi f'Malta dwar il-*Health & Safety* illi huma bdew addirittura jinkluduha parti mit-Titolu tad-Dipartiment u bdew jaghtu kaz ta' dan l-aspett b'mod specjali. Ma kienx cert dwar ir-regolamenti ta' l-Att VII tal-1994 dwar l-*Occupational Health & Safety*. Kien ghamel rakkomandazzjonijiet dwar

il-Branch temporanju. Mistoqsi jekk effettivament *risk assessment* jew *risk management* programm sarx jew le irrisponda li *on paper* ma kenitx il-procedura li jsir *risk assessment* pero` fir-realta` sar. Jiftakar li kien hemm *reserved parking* quddiem il-*branch* originali pero` dan ir-*reserved parking* hemm wiehed mhux preciz quddiem il-bieb izda vicin hafna tieghu ghax hemmhekk il-hitan ma humiex *right angles*. Id-distanza bejn dan it-tieni *reserved parking* u t-*temporary branch* kienet hafna ikbar minn dik ta' bejn l-ewwel wiehed bejn dik tal-*branch* originali. Il-*cash van* ghandhom ordni stretta li ma jistghux jinzlu minnu.
Qal illi llum ma ghadhomx l-*cash vans* ghax gew *out sourced* pero` dak iz-zmien ta' l-incident il-bank kellhom *cash vans*. In-nies kellhom struzzjonijiet x'ghandhom jaghmlu f'kaz li jkun hemm *hold-up* bhal li l-magna tal-*cash van* ma ghandha tintefa' qatt, u li l-*van* joqghod fil-post wieqaf ghall-anqas hin possibbli, u ma jieqaf qatt anke jekk jahbat u jirrapportaw l-incident fl-eqreb ghassa. Dwar ix-xufier tal-*cash van* hu li qal li x-xufier kieku saq mill-ewwel anqas kien jara l-*hold up* jigifieri seta' saq mill-ewwel. L-aktar li kellu *shock* kien il-*guard* tar-*Revenue Security Corp*. Zied li l-attur kien il-persuna li kienet inkarigata mill-*cash van* ghax kien is-*senior officer*.

Rat l-affidavit ta' John Bezzina, *Manager* fil-*Human Resources Department* ta' HSBC Bank Malta p.l.c. bejn l-1 ta' Awissu 1997 u t-30 ta' April 2006. Semma li Victor Cassar kien jokkupa l-kariga ta' firmatarju (*Signatory* B) fil-Bank. Huwa kien wiehed mill-ftit impjegati f'dan il-grad li baqghu ma tghallmux juzaw il-kompjuter u ghalhekk ma kienx facli li jsibulu xoghol produttiv x'jaghmel li ma kienx jinvolvi t-thaddim tal-kompjuter. Semma li l-ghada ta' l-incident Victor Cassar irrapporta bis-*sick leave*. Hu wera x-xewqa li ma jibqax jahdem fil-*cash depot* u ghalhekk fit-28 ta' Lulju 1999 ix-xhud infurmah li seta' jirrapporta ghax-xoghol fl-arkivji tal-Bank sakemm tinstablu sistemazzjoni ahjar. Izda Cassar rega' irrapporta *sick* l-ghada li sabulu x-xoghol fil-*Credit Department* u l-kap ta' dan id-dipartiment kien irrimarka li ma kienx jaf jekk Victor Cassar kienx genwin jew le imma milli kien jidher l-ahjar

soluzzjoni kienet li jinvolvu t-tobba taghhom, u jekk neccessarju jghadduh *board*.

Xehed <u>John Bezzina</u> u qal li l-bank ikollu persuna responsabbli apposta ghall-*Health and Safety*.

Xehed <u>Adrian Attard</u> li xehed dwar il-pensjoni ta’ l-attur, u din giet effettiva fis-6 ta’ Mejju 2000. Semma li l-attur kien iccertifikat *permanently unfit for work* u kellu l-kontribuzzjonijiet necessarji. L-attur ser jithallas bir-rata ta’ Lm41.95 sas-16 ta’ Gunju 2006 ghax jaghlaq il-61 fil-15 ta’ Gunju 2006. Meta tohrog il-pensjoni ta’ l-irtirar, tieqaf il-pensjoni ta’ l-invalidita`. Irrefera ghad-Dokument “AA” a fol 133.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

***<u>D1. Aspetti generali:</u>***

Illi l-kaz *de quo* jirrigwarda incident ta’ *hold-up* fuq bank fit-12 ta’ Lulju 1999 ghall-habta ta’ l-10.15 a.m. meta l-attur, li kien impjegat mal-bank konvenut, fuq inkarigu ta’ l-istss bank, kien flimkien ma’ persuni ohra go *cash van* iwassal flus fil-fergha ta’ Bormla tal-bank konvenut fi branka temporanja li kienet qed topera mill-Kazin tal-Banda ta’ San Gorg. Kien hemm *hold up* barra l-istess branka, gew sparati diversi tiri, fosthom wiehed fid-direzzjoni tal-*van* li pero` minhabba li l-hgieg kien *bullet proof*, dan ma ipperforax. L-attur sostna li l-incident ikkagunalu hsara psikologika u gravi, li fil-fatt wasslet sabiex l-attur jirtira mill-impjieg tieghu qabel iz-zmien. Illi l-attur allega li stante li l-Bank konvenut naqas milli jassigura li l-post tax-xoghol ikun hieles minn kull periklu ghas-sahha u s-sigurta` ta’ l-impjegati tieghu, ghalhekk ipproceda ghad-danni sofferti.

Min-naha l-ohra, il-Bank konvenut eccepixxa li m’ghandu ebda responsabbilta` ghall-akkadut.

Ghalhekk jinkombi fuq din il-Qorti biex l-ewwel nett tezamina jekk il-bank konvenut offriex *a safe system of work* u r-responsabbilta` tieghu *o meno* ghal dak li gara taht il-kuncett tal-*culpa aquiliana*, u li f’kaz affermattiv

minn xiex qed ibati l-attur, jekk dak li qed ibati minnu hux bhala rizultat ta' l-agir jew nuqqas ta' l-agir tal-bank, l-implikazzjonijiet tal-haddiema l-ohra kif ukoll tax-xoghol alternattiv offrut lilu u dejjem f'kaz ta' ezitu favur l-attur il-kuncett tal-likwidazzjoni tad-danni tenut in konsiderazzjoni somom gja ricevuti mill-attur kemm mill-bank kif ukoll *national insurance*.

***D2. Safe system of work ta' l-impjegati:***
Jibda biex jinghad li huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol. Dan huwa principju generali li jitfa' obbligu fuq min ihaddem, mhux biss f'kaz ta' fabbriki, magni jew oggetti ohra innominati, izda biex jipprotegi lill-haddiema anke minn att ta' terz, bhal per ezempju azzjoni ta' xi haddiem iehor jew terza persuna. Il-post tax-xoghol ghandu jkun hieles minn kull periklu ghas-sahha u sigurta` sa fejn ragjonevolment prattiku. Ghandu jkun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita` fizika u psikologika ta' l-impjegati. Infatti f'dan it-tip ta' kawzi, azzjoni ma tkunx bazata biss fuq il-principji generali tar-responsabbilta` *aquiliana* kif tirrizulta mill-Kap 16 art 1032, izda wkoll minn ligijiet statutorji vigenti fiz-zmien ta' meta jsir l-incident. Fil-kaz in ezami kien l-Att VII ta' l-1994 u b'mod partikolari l-artikolu 2 subartikolu 2, subartikolu a, u artikolu 8 (1)(a) ta' l-imsemmi Att.

Ta' min isemmi li taht il-ligi Maltija l-Ordinanza Dwar il-Fabbriki (Kap 169) kienet tirregola diversi aspetti ta' sahha u sigurta` tal-haddiema. L-Att VII ta' l-1994 [l-Att bit-titolu Promozzjoni tas-Sahha u Sigurta` Fuq ix-Xoghol] (Kap 367) ha post l-Ordinanza Dwar il-Fabbriki, izda bis-sahha ta' l-artikolu 18(2) ta' l-Att, ir-regolamenti kollha li kienu bis-sahha tal-Kap 169 baqghu fis-sehh anke wara r-revoka tal-Kap 169. Fost l-Avviz Legali l-aktar importanti li baqghu fis-sehh meta sar l-Att VII ta' l-1994 kien hemm ir-Regolamenti ta' l-1986 Dwar il-Fabbriki (Sahha, Skansar u Hsieb Generali – Avviz Legali 52 ta' l-1986). F'dawk ir-regolamenti l-artikolu 49(3) kien jelenka d-doveri ta' l-employers favur l-impjegat u senjatament is-subartikoli a,

f, g, kif ukoll is-subartikolu 4. Fl-artikolu 50 hemm elenkati d-dmirijiet ta' l-impjegati.

L-Att XXVII ta' l-2000 (Kap 424) dwar l-Awtorita` Dwar is-Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol dahal fis-sehh *in virtu`* ta' l-Avviz Legali 121 ta' l-2001[li permezz tieghu gie stabbilit it-3 ta' Mejju bhala d-data meta d-dispozizzjonijiet tat-Taqsima III (artikolu 8 sa 14) ta' l-Att bdew isehhu], u ta' l-Avviz Legali 9 ta' l-2002 [li permezz tieghu giet stabbilita d-data tad-29 ta' Jannar 2002 bhala d-data meta d-dispozizzjonijiet kollha li jifdal ta' dan l-Att ghandhom jidhlu fis-sehh], u b'hekk l-Att VII ta' l-1994 (Kap 367) ma baqax *in vigore*.

Inoltre permezz ta' l-artikolu 9 tal-Kap 452, id-dispozizzjonijiet tal-Kap 424 u r-regolamenti vigenti bis-sahha ta' l-istess Kap 424 jaghmlu parti mill-kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' l-impjegati (ara artikolu 6 tal-Kap 424).

Fil-kaz in kwistjoni l-incident gara fit-12 ta' Lulju 1999 u ghalhekk wiehed irid joqghod fuq l-Att VII ta' l-1994, liema att baqa' *in vigore* sal-1 ta' Mejju 2001.

Fil-Kap 367 l-artikolu 2 tieghu kien jghid:
“2(1) Il-]arsien tas-sa]]a u s-sigurtà fuq ix-xog]ol g]andu jitqies ta' interess pubbliku.
(2)(a) Huwa d-dmir ta' min i]addem lil xi persuna o]ra li ji\gura li l-post fejn isir ix-xog]ol ikun ]ieles minn sogri bla b\onn g]as-sa]]a u minn perikli li jistg]u ji[u evitati g]all-inkolumità fi\ika u psikolo[ika tal-]addiema.
(b) Huwa d-dmir ukoll ta' min i]addem li ji\gura illi kull pro`ess ta' xog]ol imqabbad minnu jkun ]ieles minn kull sogru bla b\onn g]as-sa]]a u minn kull periklu li jista' ji[i evitat g]all-inkolumità fi\ika u psikolo[ika tal-]addiema impjegati minnu u ta' ]addiema impjegati minn xi persuna li lilha jkun qabbad xi xog]ol, sew jekk tkun persuna li timpjega lilha nnifisha, kuntrattur jew subkuntrattur:…”

In segwitu, fl-imsemmi Kap 367, fl-artikolu 8 il-ligi kienet taghti detteljatament id-dmirijiet ta' min jimpjega:

"8(1) Tkun ir-responsabbiltà b'mod [enerali ta' min i]addem illi ji\gura li jittie]du l-mi\uri u l-prekawzjonijiet ra[onevoli kollha biex :
(*a*) kull post tax-xog]ol ta]t il-kontroll tieg]u, ikun, sa fejn huwa ra[onevolment prattiku, ]ieles minn kull periklu g]as-sa]]a u g]as-sigurta`;
(*b*) l-ambjent tax-xog]ol f'postijiet ta]t il-kontroll tieg]u ikun ra[onevolment favorevoli g]as-sa]]a u ]ieles, sa fejn huwa evitabbli, minn dak li jikka[una tensjoni fi\ika jew psikolo[ika;
(`) jipprevjeni di\grazzji, korrimenti u mard industrijali;
(*d*) jipprovdi fa`ilitajiet fuq il-post tax-xog]ol g]all-ewwel g]ajnuna fil-ka\ ta' di\grazzja jew korriment; u
(*e*) jg]arraf lil kull min ja]dem kemm dwar il-perikoli g]as-sa]]a u sigurtà li jkun hemm fil-post tax-xog]ol u dwar l-a]jar mod ta' prevenzjoni…"
Inoltre l-Avviz Legali 52/1986 baqa' fis-sehh meta sar l-Att VII ta' l-1994 u fl-Artikolu 49(3) tieghu hemm imnizzla d-dmirijiet ta' min jimpjega, senjatament fis-subartikoli a, f, g, kif ukoll fl-artikolu 49(4) u fl-artikolu 50.

Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Paul Grech vs Carmelo Bugeja et** deciza fid-9 ta' Ottubru 2006 qalet:
"Id-doveri ta' sid ta' entrapriza biex ihares is-sahha ta' l-impjegati tieghu huma li:
A. il-haddiema ghandhom jahdmu f'post tax-xoghol li ma jkunx perikoluz taht ic-cirkostanzi tat-tip ta' xoghol [*safe place of work*];
B. il-mod kif isir ix-xoghol [bhala sistema] m'ghandux ikun wiehed perikoluz [*safe system of work*]; hemm erba' elementi li jirrendu *a system of work unsafe* –
*a. that the defendant's operations involved a risk of injury which was reasonably forseeable;*
*b. that there were reasonably practicable means of obviating such risk;*
*c. that the plaintiff's injury was caused by the risk in question;*
d. *that the failure of the defendant to eliminate the risk showed a want of reasonable care for the plaintiff's safety;*

C. il-fatt li l-mod kif isir ix-xoghol ilu stabbilit ghal zmien twil ma jfissirx necessarjament li is-sistema hija necessarjament wahda li ma fihiex perikolu;
D. il-haddiema jkollhom ghodda li ma twassalx ghal-perikolu [*safe tools and proper machinery*];
E. il-haddiema ghandhom ikunu mghallma tajjeb ghat-tip ta' xoghol li qed jaghmlu [*properly skiller workers*];
F. min ihaddem m'ghandux iqabbad lill-haddiema tieghu jaghmlu xoghol li mhux soltu jaghmlu u li ghalih ma kellhom stharrig; hu importanti wkoll li wiehed jara kemm ilu jahdem f'dak it-tip ta' xoghol il-haddiem;
G. ir-responsabbilta' tas-sid tizdied jekk il-haddiem jirrileva xi perikolu involut u s-sid jinjora dan il-fatt;
H. il-haddiema ma ghandhomx ikun traskurati b'mod li jzidu l-perikolu;
I. kull min jimpjega haddiema ghandu l-obbligu li jonora l-ligi generali tal-pajjiz"

Fil-kawza fl-ismijiet **Armando Caruana vs Filomenu Pace** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta, fid-19 ta' Gunju 2007, saret referenza ghall-kawza **Grezzu Scicluna vs C. Cini & Sons Limited,** deciza fis-27 ta' Lulju 2006, fejn kien gie citat **Whincup** mill-ktieb *Modern Employment Law***,** fejn kien hemm elenkati erba' principji bazici. Dawn huma:

*"1. the employer must ensure that the employee knows the dangers*
*1. the employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers*
*2. the employer must ensure that the precautions are available,*
*3. the employer must ensure that the employee knows these precautions are available."*

Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Bugeja vs Montanaro Gauci**, deciza fl-14 ta` Mejju, 2004:

"huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-<u>ambjent kollu</u> fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-

obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-*employer* li jipprovdi '*a safe place of work*'"

L-istess principju nsibuh fil-kawza **Gauci vs Korporazzjoni Enemalta**, deciza fl-10 ta` Ottubru, 2006 fejn inghad:
"qabel ma jintbaghat haddiem jahdem fuq sit, minn ihaddem ghandu obbligu "li taghmel ezami jew spezzjoni semplici sabiex tara min qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xoghol huwa wiehed *safe*"."

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' April 2007, Imhallef Dr. T. Mallia, fil-kawza fl-ismijiet **Mayer Scicluna vs T.N. Waterproofing Limited**:
"Din il-Qorti, diversi drabi wkoll sahhet fuq il-htiega ta` supervizzjoni ("Agius vs All Services Ltd", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Gunju, 2005), u f`dan il-kaz dan kien mehtieg mhux biss biex jigi assikurat li l-lant tax-xoghol kien ***safe*,** izda biex jassigura wkoll li l-haddiema juzaw l-appart kollu fornit lilhom."

Ukoll issir referenza ghall-kawza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Attard**, deciza fit-2 ta` Settembru, 1999 fejn intqal:
"min ihaddem mhux biss ghandu jara li jkun hemm *available* apparat ta` *safety*, izda ghandu jinsisti mal-*foreman* li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu tal-apparat, u jara li din l-ordni tigi segwita."

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-principji li jirregolaw ir-responsabbilta` ta' sid ta' intrapriza biex ihares is-sahha ta' l-impjegati tieghu huma ben stabbili fil-gurisprudenza. Fil-kawza Ingliza **Wilsons & Clyde Coal Co. Ltd vs English**, House of Lords, 1937, Lord Maughaw osserva:
"*In the case of employments involving risk….it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first to provide and maintain proper machinery, plant, appliances and works, secondly, to select proper skilled persons to manage and superintend the business and thirdly, to provide a proper system of working*."

Fil-kawza, fl-ismijiet **John Sultana vs Francis Spiteri et noe** deciza fit-28 ta' Mejju 1979, il-Qorti tal-Kummerc spjegat illi min ihaddem ghandu "d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem". L-obbligazzjonijiet principali ta' min ihaddem huma mhux biss li jipprovdu "*safe tools*" u "*a safe system of work*", imma xejn anqas minn "*a safe place of work*." Dan il-principju gie ribadit diversi drabi mill-Qrati taghna bhal per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe** (Appell 7 ta' Dicembru 1994). **Joseph Bugeja vs Anthony Falzon,** (Prim'Awla 30 ta' April 1997, **Keith Caruana vs Joseph Paris et noe** (Prim'Awla 12 ta' Frar 1999) **Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited,** (Prim'Awla 25 ta' Jannar 2000) u **Carmel Cini vs Caccopardo nomine** Prim'Awla 5 ta' Ottubru 1999). (Ara wkoll **Michael Fenech vs Sammy Meilaq noe** Prim'Awla Qorti Civili fit-23 ta' Ottubru 2001).

Hawnhekk, ta' min jikkwota lil **Goddard L.J. to be:**
"*not merely to warn against unusual dangers known to them….but also to make the place of employment ….as safe as the exercise of reasonable care would permit." "The duty is owed to each individual servant individually*." (p.1035).

Fil-gurisprudenza nostrana, gie ritenut kemm-il darba li huwa l-obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet ta' xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol tieghu. Fi **Schembri vs Caruana noe**, deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Jannar 1983, inghad:
"wiehed irid jikkonsidra l-atmosfera fil-post tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kaz tax-xoghol tieghu, l-hinijiet twal, l-ghagla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu inkarigati bie xjahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol; danw huma kollha fatturi li min ihaddem irid jikkunsidra meta jkun qed jippjana l-lant tax-xoghol u johloq dak li komunament hu msejjah " a safe system of work."

Inoltre`, gie indikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu, **Cini vs Wells noe**, Prim'Awla Qorti Civili deciza fid-29 ta' Mejju 2001. (Ara wkoll **Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons Marketing Limited** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2003)…

Fil-kaz **Lawrence Caruana vs Karmenu Penza et** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fis-27 ta' Gunju 2003, l-ewwel Qorti kienet irreferiet ghal dak li nghad minn awturi **Chalesworth** "*On Negligence*" p 1036 pag 622:
"*The duty of employers to provide the servant with a safe place of work was explained by* ***Goddard LJ*** *to be:*
*"not merely to warn against unusual dangers known to them….but also to make the place of employment….as safe as the exercise of reasonable care would permit."*
*"The duty is owed to each individual servant individually."* (p.1035).

Ukoll, fil-kawza **Grech vs Ellul** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1996, intqal:
"*It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee's safety in all circumstances at their place of work."*
(Ara wkoll **Carmel Grima et vs Carmelo Penza pro et noe** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2004).

Dwar is-sinifikat tal-kliem *reasonably practicable*, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo** fejn intqal:
"*seems to imply that a computation must be made by the owner in which the quantum of risk is placed on one scale and the sacrifice involved in the measures necessary for averting the risk (whether in money, time or trouble) is placed in the other and that if it be shown that there is a gross disproportion between them - the risk being insignificant in relation to the sacrifice - the defendants discharge the onus on them. The onus of proving that it is*

*not reasonably practical to provide a safety measure is on the person whom the duty is imposed*." [Walter Wilson & Son vs Summer-field - 1956 - 1 W.L.R. 1429]. F'Gibson vs British Insulated Calender's Construction Co. Ltd - 1973 - S.L.T. 2 (H.L.) gie ritenut li "*it is now firmly established that the burden of proof to establish that he had taken all reasonable practicable steps rests on the employer to discharge*" [Charlesworth - "*On Negligence*" – 6th *Edition* - 1152-1153].

Min ihaddem jista' jonqos mid-dmirijiet tieghu jekk, kif jikteb Munkman fil-ktieb tieghu *Employers' Liability At Common Law* (7th Edition, Butterworths pg 129) jekk:

"*1. It may be that the employer has done nothing at all to carry out his obligation.*

*2. In the second place, the employer may have been informed of a defect or danger and doing nothing to remedy it.*

*3. Thirdly the employer knowing of a defect on his plant or premises or of a danger in the course of the work may have taken inadequate measures to eliminate and reduce the risk.*

*4. Fourthly though the employer does not know that anything is wrong it may be that he ought to know - that is, he could have found out by reasonable care*."

***D3. Unsafe system of work:***

Dwar x'jaghmel *unsafe system of work* jinghad li dawn jistghu jigu elenkati b'dan il-mod:

1. jekk min ihaddem ikollu xoghol li jinvolvi riskju ta' korriment li wiehed seta' ragonevolment jarah minn qabel;
2. li kien hemm mezzi normali li dan ir-riskju jigi eliminat;
3. li l-korriment tal-vittma kien kawzat mir-riskju fuq imsemmi;
4. illi n-nuqqas ta' min ihaddem li jelimina r-riskji juri n-nuqqas ta' kura ragonevoli ghas-sigurta` tal-vittma.

***D4. Incident bhala rizultat ta' att kriminali:***

Wiehed irid jikkunsidra wkoll aspetti ta' incident li jkun sehh permezz ta' att kriminali. U ghalhekk, hawnhekk, ta' min ighid li min ihaddem mhux mistenni jipprevedi incident li jsehh b'att kriminuz, b'forza magguri jew b'kaz fortuwitu.

Fil-kaz **Galea Debono noe vs Abela** deciza fit-28 ta' April 2003 ntqal:
"il-kaz fortuwitu, il-forza maggura u l-istat ta' necessita` ma jehilsux mir-responsabbilta` jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni."

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li hekk kif gie ribadit fil-kaz deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fl-ismijiet **Yvonne Cassano pro et noe vs Alfred Calamatta et** fid-29 ta' Frar 2008:
"Principju iehor kardinali f'materja ta' danni akwiljani huwa li sabiex ikun hemm lok ghad-danni, jrid ikun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-konseqwenza dannuza."

Illi ghalhekk irid ikun hemm *nexus* ta' kawza u effett bejn l-att u d-dannu subit.

F'dan l-istess kaz, saret referenza ghall-**Carrara** (programma Parte Generale, Vol.1.para.80) fejn hemm definizzjonijiet tal-"*culpa*."
"Si mutino come piace le formule, ma il tripode sul quale si asside la colpa sara sempre questo 1) volontarieta` dell'atto, 2) mancata previsione dell effetto nocivo, 3) possibilta` di prevedere."

Fil-paragrafu 83, dan l-awtur irribadixxa hekk:
"la essenza della colpa sta tutta nella prevedibilita`."
"prevedibilita` din li trid tkun ta' probabiltajiet ragjonevoli u mhux ta' possibiltajiet remotissimi u inverosimili."

Fl-istess kaz, deciz mill-Qorti ta' l-Appell, saret referenza ghal dak citat f'sentenza ohra tal-Qorti ta' l-Appell tal-24 ta' Mejju 1954, **Carmela Fenech proprio et noe vs Antonio Galea,** fejn inghad:
"F'tema ta' danni derivanti min delitt jew kwazi delitt, id-diligenza li hija necessarja biex tnehhi r-responsabbilta` hija dik medja, ossia ordinarja, cioe` dik ta' bniedem prudenti."

***<u>D5. Vjolenza fuq haddiema tal-bank:</u>***

Il-*Health and Safety Executive*, l-agenzija fl-Ingilterra fuq prevenzjoni ta' vjolenza kienet harget il-*guidance* intitolat *Prevention of violence to staff in banks and building societies*. F'dan hemm elenkati mizuri li jnaqqsu jew jeliminaw il-*hold ups*, tahrig necessarju, sistema ta' *post robbery support* ghall-haddiema li jispiccaw trawmatizzati, u strategija li tipprotegi l-i*staff*. Kopja ta' dan giet esebita mill-attur u tinsab a fol 221 sa 240 tal-process.

Fil-kaz in kwistjoni, irrizulta mill-provi li dakinhar tal-*hold up*, meta kien wasal il-*cash van* quddiem il-fergha tal-bank, fejn kienet temporanjament fil-kazin San Gorg, id-driver tal-*cash van* ma kienx sab fejn jipparkja, izda kien resaq kemm jista' jkun lejn it-tarag fejn jippikkjaw ix-xoghol. Joseph Micallef, id-*driver* dakinhar spjega li l-procedura normali kienet li malli jaslu, jinzel il-Pulizija u l-iskrivan biex jiehdu l-flus. "Izda, dakinhar tal-*hold-up* konna rajna gegwigija f'daqqa, nies jigru u mbaghad rajt zewg nies mghammda, u wiehed minnhom dar dawra mal-vann, u ta tir fid-direzzjoni ta' Vassallo li kien hdejja mat-tir u smajt spluzjoni kbira u jien bil-qatgha ta' l-ispluzjoni, ma flahtx niccaqlaq… Nispjega wkoll, li dan kollu kien sar waqt il-*break* tad-*Dockyard* u ghalhekk kien hemm hafna nies mifruxin jigru." (fol 32).

Irrizulta wkoll mill-provi li hadd ma ndarab peress li l-*bullet* ma dahalx ghax il-hgiega tal-vann kienet *bullet-proof*. U fil-fatt, ikkonferma Mario Bartolo, is-*Security Manager* ta' l-H.S.B.C. Bank Malta p.l.c. li 'l-*cash van* kien mimli bl-attrezzi kollha li jirrikjedi vann bhal dan fosthom *armour plating* tal-*bodywork*. Bullet proof glass. (fol168).

Izda mbaghad jirrizulta li kien hemm fatturi ohra, fosthom li *risk assessment* bil-miktub fir-rigward ta' dan il-lok temporanju minflok il-*branch* proprju ma kienx sar. Irrizulta li quddiem il-*branch* originali, kien hemm *reserved parking*, filwaqt li anke minhabba l-qaghda tal-post temporanju, mir-*reserved parking* ta' dan il-post temporanju sat-"*Temporary Branch*", id-distanza bejn dan it-tieni *reserved parking* u t-"*temporary branch*" kienet hafna ikbar minn dik tal-post originali minhabba li kien hemm qisu zuntier li kien fih it-tarag ukoll.

John Zammit ikkonferma wkoll li "*keep clear area* ma kienx hemm …. kien hemm certa ammont ta' burokrazija biex iggib dan is-sinjal u ghalhekk, ma kienx hemm effettivament hemm dan is-sinjal." (fol 77 sa 83).

***D6. Obbligi partikolari tal-Bank ghall-kaz in ezami:***

Fil-fehma ta' l-attur hu rnexxielu jipprova li l-bank konvenut naqas li jipprevedi l-effett dannuz ghax ma hax il-prekawzjonijiet ragjonevoli biex jissalvagwardja s-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol. Fil-fehma ta' l-attur dak li gara kien prevedibbli u ghalhekk il-bank ghandu jgorr ir-responsabbilta` shiha ta' l-incident. Il-bank kellu l-obbligu li jiehu hsieb is-sigurta` adegwata ghac-cirkostanzi ambjentali u partikolari tal-kaz.

L-attur sostna leggerezza grossolana min-naha tal-bank bhala prevenzjoni, u dan specjalment ghax ma sarx evalwazzjoni propju tar-riskju involut. L-attur sostna li l-Pulizija fil-*branch* ma sewa ghal xejn ghaliex ma assikurax li z-zona tkun hielsa mill-parkegg tal-vettura u fil-fehma tieghu dan ma kienx nuqqas tal-Pulizija izda tal-bank ghax ta' l-ahhar kellu dmir li jassigura s-sorveljanza adegwata. L-attur ilmenta wkoll li ma kienx hemm sinjal tal-*"Keep Clear"* jew *"Reserved"* b'mod li meta wasal il-*cash van* il-post kollu kien mimli *parking* u l-*van* kellu jieqaf f'nofs it-triq.

Min-naha l-ohra l-bank konvenut sostna li l-incident sehh unikament konsegwenza ta' agir ta' terzi u b`forza li ma setghetx tingheleb mhux tort tal-Bank konvenut. Hu ovvju li l-bank ikollu jwassal u jigbor il-flus mill-*branches* tieghu, kif hu ovvju wkoll li l-mezz ta' kif jaghmel dan huwa billi jwassal dawn il-flus permezz ta' vettura adegwata. Naturalment kien l-obbligu tal-bank konvenut li jipprovdi jew hu stess jew permezz ta' agenti tieghu *cash van* mghammar u attrezzat bl-ahjar protezzjoni possibbli. Irrizulta li l-vann in kwkistjoni kellu *armour plating* tal-*bodywork*, *bullet-proof glass*, tant hu hekk li t-tir li gie sparat mis-senter isserrat minn distanza ravvicinata ghal gol-hgiega tal-vann ma ippenetrax l-istess hgiega. Kien propju ghalhekk li l-bank konvenut insista li l-ambjent

immedjat ta' fejn jahdem l-attur, ossija l-*cash van* kien adegwatament attrezzat ghar-riskji inerenti li jgib mieghu xoghol go *cash van*. Infatti dan il-*cash van* salvalu hajtu u hajjet l-ufficjal li kien riekeb fis-*seat* ta' quddiem meta gie sparat tir bi tpattija mill-halliel li kien involut fil-*hold up*. Irrizulta wkoll li kien hemm Pulizija biex joffru l-protezzjoni, tant li wara l-imsemmija sparatura da parti tal-halliel, kien l-intrervent immedjat u f'waqtu tal-Pulizija li kien inkarikgat mill-protezzjoni tal-Bank sabiex joffri protezzjoni u sigurta` mal-fergha in kwistjoni li spara lejn il-halliel u darbu ghall-mewt b'dan ghalhekk li gie evitat ghal kollox kwalunkwe possibilita` ta' xi sparatura ohra lejn il-vann.

Il-Bank kien ha hsieb jipprovdi fil-branka l-gdida l-attrezzi kollha ta' sigurta li huma tipici go fergha bankarja – *CCTV*, *security lock*, *alarm systems* u *safes*, staneg tal-hadid u diversi attrezzaturi li irrizultaw mill-provi. Ta' min josserva ghalhekk li jekk xi haga, il-bank kien ha hsieb kemm tal-fergha temporanja kif ukoll tas-*security van* in kwistjoni, u jekk kien hemm nuqqasijiet (u l-Qorti bl-ebda mod m'hi qed tghid li kien hemm) dawn setghu kienu riferibbli ghal barra mill-bank sal-vann. L-attur kellu l-impressjoni li r-riskju lejn il-*cash van* zdied ghaliex gie vicin il-fergha imma ma setax ikun qrib il-fergha daqs li kieku kien ikun vicin il-fergha normali tal-Bank. Ta' min isemmi li l-vann bejn fergha u ohra jinstaq fit-triq u dejjem huwa skopert.

Il-bank konvenut sostna li l-attur u shabu nghataw struzzjonijiet specifici dwar x'kellhom jaghmlu meta jkun qed jinstaq il-*cash van* u/jew isir xi *hold up*. Fost dawn l-istruzzjonijiet il-Bank kien jesigi li f'ebda stadju ma kellha tintefa l-magna tal-vann u li l-vann ghandu jitlaq mix-xena tal-*hold up* u jibqa' sejjer lejn l-eqreb Ghassa tal-Pulizija. Izda f'dan il-kaz jirrizulta li Victor Cassar li kien il-persuna gewwa l-*cash van* responsabbli sabiex jassikura li dawn l-istruzzjonijiet jigu segwiti, minflok ma ordna lix-xufier sabiex isuq u jitlaq mix-xena, ma ghamel xejn minn dan u cempel biss lill-Kwartieri Generali tal-Pulizija bla ma ta ordni biex il-vann isuq mill-aktar fis. Infatti jirrizulta li l-attur iddecieda li jirrakkonta kull ma kien qed jigri fil-pjazza lill-Kwatieri Generali tal-Pulizija (*Police Depot*) u ghalhekk pogga lilu nnifsu u lil shabu f'periklu bla bzonn. Sinfikattiv

ukoll huwa l-fatt illi kien proprju ftit wara li l-halliel involut resaq lejn il-*cash van* u spara tir lejn il-*windscreen*.

Hu propju ghalhekk li l-bank konvenut isostni li l-attur pogga lilu nnifsu u lil shabu gewwa l-*cash van* f'riskju u periklu akbar milli kien isib ruhu li kieku segwa fedelment l-istruzzjonijiet tas-*Security Procedures*. Il-bank infatti jinsisti li l-mira tal-hallellin ma kenitx il-fergha jew il-*cash van* izda l-boros tal-flus waqt it-tragitt bejn il-*cash van* u l-fergha.

Il-bank konvenut dahal ukoll f'ezami ta' l-aspett li "hadd iehor mill-impjegati tal-Bank li sabu ruhhom koinvolti f'dan l-incident ma lmentaw li sofrew jew li qed isofru minn xi disabilita` jew xi trawma ta' natura permanenti. L-impjegata tal-Bank li sabet ruhha esposta ghall-attakk tal-hold up barra t-triq jirrizulta li segwiet fedelment l-istruzzjonijiet moghtija mill-Bank tant li hekk kif rat il-periklu halliet il-borza flus u telqet tigri gewwa l-fergha. Ix-xufier tal-*cash van* u haddiem iehor li kienu bil-qieghda quddiem fil-vann u b'hekk esposti aktar ghall-effetti ta' l-isparatura wkoll ma gralhom xejn."

Fil-fehma tal-Qorti dan huwa punt importanti izda mhux deciziv. Jista' jkollok sitwazzjoni fejn minn ghaxra min-nies, disgha ma jiguz affettwati b'xi haga waqt li l-ghaxar wiehed, iva. Wiehed irid jezamina wkoll u jara jekk kienx normali jew possibbli li persuna jigrilha dak allegat mill-attur, izda minhabba li l-Qorti ssib li kien hemm *safe system of work* tal-bank, dan il-punt jibqa' biss ta' natura akkademika u ma hemmx bzonn ta' ezami ulterjuri f'dan ir-rigward.

Il-Qorti thoss li f'socjeta` moderna bil-fors li jridu jezistu l-banek u bil-fors ukoll li f'dawn il-banek, iridu jsiru depoziti u gbir ta' flus ghalkemm b'sistemi moderni ta' teknologija, hafna mit-tranzazzjonijiet finanzjarji jsiru minn distanzi boghod b'sistemi bhal *internet banking*, *credit cards*, *direct debit* u tant sistemi ohra. Izda dan ma jeliminax in-necessita` li perjodikament iridu jittiehdu jew jingabru flus minn branka. Fil-fehma tal-Qorti wkoll, l-aktar sistema prattikabbli hija propju *cash vans* adegwati ghal dan il-

ghan. Irrizulta li l-*cash van* in kwistjoni kellu l-hgieg *bullet proof*, tant li t-tir ta' wiehed mill-hallelin ma rnexxielux jippenetra. Il-vann kellu wkoll *armour plating*. Jidher ukoll li l-branka l-gdida internament kienet mghammra sufficjentement. Dak li wiehed jista' jiddubita fuqu huwa biss il-preparazzjoni minn barra l-branka sal-van, izda l-attur ma nzertax qieghed hemmhekk izda fil-vann li kien mghammar sufficjentement. Li kieku l-attur ta l-ordnijiet li suppost kellu jaghti fil-mument ta' meta nqalghet l-agitazzjoni u l-vann telaq minn fuq il-lokalita` t-tir fuq il-vann kien jigi evitat, u l-istess il-konsegwenzi l-ohra. Ta' min isemmi wkoll li l-attur stess kien jaf it-tip ta' xoghol li kellu u li seta' facilment ikun hemm xi hadd li jabbuza u jipprova jattakka l-vann, izda l-obbligu tal-Qorti huwa li tezamina u tevalwa jekk fil-fatt il-bank konvenut kienx ghamel dak li kien obbligat jaghmel biex jipprotegi lill-haddiema tieghu. Il-bank kien anke zied pulizija iehor u hawnhekk forsi l-Qorti taghmel tajjeb tikkundanna burokrazija zejda fuq l-aspett tas-sinjali ghall-"*Keep Clear*" u "*Reserved*" u li fuq min kien inkarigat messu ha hsieb li ma jsirx il-*parking* ta' vetturi li mhux suppost sar.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk il-Qorti b'riferenza ghat-tieni eccezzjoni ("li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi ebda responsabbilita` ghas-serq akkadut u ghall-allegati danni konsegwenzjali ma hija imputabbli lejn l-istess Bank. Semmai kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-Bank konvenut ha l-mizuri ta' sigurta` kollha u necessarji sabiex jipprotegi l-impjegati tieghu fuq il-post tax-xoghol.") thoss li irrizulta sufficjentement car li l-bank uza *safe system of work* u ghalhekk mhux imputabbli ghal dak li gara, u ghalhekk tilqa' din it-tieni eccezzjoni.

Stante din id-decizjoni, mhux il-kaz li l-Qorti tezamina l-aspetti l-ohra kif indikati a fol 24 taht "D1" l-ahhar paragrafu ta' l-"Aspetti Generali".

Thoss pero` li minhabba n-natura tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------